# Kapitlu 1

# Niġri bil-barmil

Dan l-aħħar kont qed niġri bil-barmil miegħi kullimkien. Kelli l-istonku MQALLEB kollu kollu. Naħseb li ġo fija daħal xi speċi ta' MOSTRU u beda gwerra li ma setgħet tispiċċa qatt. Jum wara l-ieħor qiegħed jiggieled

u

JISSIELET

u jien nofsni rieqed. Il-mamà ġegħlitni nżomm barmil tal-ħasil tal-art ħdejja biex ma mmurx nagħmel xi frattarija.

Trid tarani nġorr il-barmil il-kbir kull fejn immur. Jekk noqgħod fuq is-sufan, il-barmil inpoġġih ħdejja. Jekk immur fuq il-kompjuter, il-barmil nieħdu miegħi, jekk immur fil-kċina biex nixrob,



il-barmil jiġi warajja. Jekk immur fuq is-sodda, hemm ukoll ikun il-barmil. Hi ftit tad-dwejjaq tiġri bil-barmil kullimkien. Ma taħsibx? Aħseb u ara tmur f'renju ġdid bil-barmil miegħek!





Meta nkun ma niflaħx ma jkolli aptit nagħmel xejn. Dejjem hekk jiġrili.

Jiġri li moħħi ma jiffunzjonax kif suppost. Noqgħod naqra xi ftit u niskanta ftit iktar,

nikteb ftit u

nparla waħdi ftit iktar,

nilgħab ftit BIL-KOMPJUTER

u norqod quddiem it-televixin. Almenu did-darba kont ma niflaħx b'differenza! Ma niflaħx bi ktieb ġdid: L-AVVENTURI TA' DEFDEMOLA U RENJI ĠODDA!

Imma qabel ma ngħidlek xi ħaġa dwar ir-rakkonti ta' Defdemola nixtieq ngħidlek li wara li salvajna t-tifel tar-Re Pankrazju, ma smajt xejn iktar mingħand ir-Re. Il-mamà kienet reġgħet tatni l-boċċa tal-

ħġieġ lura, għax kont mort tajjeb ħafna fl-aħħar testijiet, u kull darba li kont inħares lejha kont nara lil kulħadd kuntent.

Xejn iktar. Skiet.

